MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 9/2008

**Karen Marie Ebejer**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-27 ta' Mejju 2007 li permezz taghha cahad it-talba ta' Ebejer ghal Ghajnuna Socjali (SA) peress li ma kienx sodisfatt li hija kienet tifforma familja ghal rasha; ra wkoll l-appell tal-legali taghha li dahal fis-16 ta' Gunju 2006.

> Dan l-appell, bi qbil bejn il-partijiet qed jigi kkonsidrat flimkien ma' appell iehor ta' Ebejer 442/07, li qed jigi ukoll deciz illum, u ghalhekk issir ampja riferenza ghal file u ghas-sentenza l-ohra.
>
> Irrezulta li wara li l-appellanti ffirmat kuntratt ta' separazzjoni minn ma' zewgha, hija baqghet tabita fid-dar matrimonjali izda din kellha is-servizzi tad-dawl u ilma flimkien ma' fond adjacenti li kien f'idejn zewgha. Inghataw diversi differimenti fuq talba tal-istess appellanti halli tkun tista' turi li kienu separati, sakemm ippresentat dokumenti jew kontijiet li juru li kien sar bdil fil-posizzjoni u nghataw servizzi differenti. Skond il-verbal tat-12 ta Marzu 2008 id-Dipartiment ikkonferma li l-effett tad-decizjoni appellata kien twaqqaf mid-data li ntbaghtu dawn id-dokumenti, u Ebejer kienet bdiet tircevi l-ghajnuna mitluba minn dik id-data.
>
> Peress li jidher li meta ttiehdet l-imsemmija decizjoni, ic-cirkostanzi kienu juru li t-talba ta' Ebejer kellha tigi michuda, dan l-appell ghandu jigi michud."

Appellat minn din is-sentenza r-rikorrenti Karen Marie Ebejer bl-aggravju illi, sew id-decizjoni tad-Direttur appellat li waqqfilha l-Ghajnuna Socjali, sew id-decizjoni ta' l-Arbitru li kkonfermaha, kienu bla ebda fondament, fattwali u legali. Konsegwentement, talbet it-thassir u r-revoka ta' l-istess sentenza;

L-appellanti kienet ir-recipjenti ta' assistenza socjali sakemm dan il-beneficcju ma giex sospiz lilha fuq il-motiv illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li hi qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hi l-kap tal-familja. Ara ittra tad-Direttur tas-27 ta' Mejju 2006 mibghuta lill-appellanti. Fir-risposta ghall-appell interpost mill-appellanti quddiem l-Arbitru, id-Direttur appellat issokta jispjega l-posizzjoni decizjonali minnu adottata fuq il-konsiderazzjoni illi minn stharrig li ghamel id-Dipartiment irrizulta li fl-indirizz moghti mill-

appellanti kien ghad hemm joqghod zewgha. L-atti ma jispjegawx f'hiex kien jikkonsisti dan l-istharrig izda, apparentement, mill-kontenut tas-sentenza appellata jidher li d-decizoni tad-Direttur kienet arginata fuq l-assunt illi, ghalkemm l-appellanti baqghet tabita fir-residenza matrimonjali, la din kellha s-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma komuni ma' dak tal-garage adjacenti, u li bis-separazzjoni iddevolva lir-ragel, *ergo*, hu ma kienx konvint u sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha. Ir-rispons ta' l-Arbitru ghal din id-decizjoni hu koncepit f'dawn it-termini lapidarji: "Peress li jidher li meta ttiehdet l-imsemmija decizjoni, ic-cirkustanzi kienu juru li t-talba ta' Ebejer kellha tigi michuda, dan l-appell ghandu jigi michud";

Rispettosament, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dawn id-decizjonijiet tad-Direttur u ta' l-Arbitru. L-ewwelnett irid jinghad illi d-diskrezzjoni li l-ligi tivvesti fihom ma kellhiex titraduci ruha fl-arbitriju izda, kif antikament tramandat, riedet tkun ezercitata "*con discernimento e giudiziosamente*" (**Kollez. Vol. VII pagna 522**), u dan, sfortunatament, fil-kaz in ispecje ma sarx. Ir-riljev, u c-cirkostanzi attinenti ghalih, maghmul mid-Direttur u mill-Arbitru ma kellux jissarraf minnhom f'regola ta' gudizzju assolutista li ggib zvantagg u pregudizzju lill-appellanti. Biex dak ir-riljev seta' jwassal ghall-produzzjoni ta' l-effett guridiku determinat minnhom riedet tirrizulta l-prova univoka, konvincenti u konkludenti illi, effettivament, zewg l-appellanti kien ghadu jikkoabita flimkien maghha fl-istess fond residenzjali. Din il-prova konkreta mill-atti hi mankanti u, allura, din il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta illi l-qaghda reali kienet, *sic et sempliciter,* taghmilha l-inferenza supposta u kongetturali estratta mill-konsiderazzjoni illi dak il-fond u dak l-iehor ta' magembu kellhom servizz komuni tad-dawl u ta' l-ilma;

Din il-Qorti ma tara xejn anomalu jew barra mill-ordinarju illi koppja mizzewga in procint ta' separazzjoni legali tiftiehem dwar sistemazzjoni separata jew, ukoll, illi bil-kuntratt ta' separazzjoni tikkonkorda dwar il-qsim tal-

proprjeta` u dwar minghandu fosthom, u ghal terminu ta' zmien, jissokta jirrisjedi fid-dar matrimonjali. Ara klawsola 6 (a) tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' Settembru, 2006. Similment, il-Qrati taghna f'kawzi ta' separazzjoni jipprovdu regolarment b'dan il-mod fir-rigward tal-fond matrimonjali. Ara, ad ezempju, "**Catherine Abdilla –vs- Carmel Abdilla**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999;

Jekk, kif inhu l-kaz, iz-zewg fondi kellhom il-komunanza tas-servizz ta' l-elettriku u ta' l-ilma dan il-fatt, ghal din il-Qorti, ma setax razzjonalment u ghalhekk biss jikkostitwixxi dak l-element indizzjarju rilevanti ta' prova assodanti illi allura l-appellanti ma kienetx, fir-realta`, ifformat familja ghal rasha jew li ma kienetx il-kap tal-familja. Il-fattispeci tal-kaz prezenti huma ben distinti minn dak tal-kaz l-iehor deciz minn din il-Qorti fejn irrizultalha l-prova accertata illi wara s-separazzjoni r-ragel kompla jirrisjedi fil-fond matrimonjali. Ara "**Rita Schembri -vs- Direttur tas-Servizzi Socjali**", deciz fit-28 ta' Frar, 2007. F'dak il-kaz il-qaghda kienet sospetta ta' krejazzjoni ta' raggiri intizi biex l-appellanti taggira l-bwona fede tad-Direttur. Hawnhekk, ma ghandna xejn minn dan, u dan l-anqas ma kellux jigi presuppost fl-astratt ghab-bazi ta' dik ir-raguni provvduta mid-Direttur u, warajh, mill-Arbitru. Huwa l-kaz ghalhekk li d-decizjoni tigi mwarrba.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tilqa' t-talba ta' l-appellanti u tordna lid-Direttur appellat jivversalha l-assitenza socjali b'effett mid-data li fiha l-assistenza socjali giet tolta lilha. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------